# TRAB

*Ta'* Dun Frans Camilleri

JEKK toqgħod taħseb sewwa xi jgħidlek il-qassis, nhar l-Erbgħa tar-Rmied, waqt li fuq rasek jagħmillek ir-rmied f'sura ta' salib, jidhirlek, f'dak il-ħin, li l-kliem li jgħidlek ma jaqbilx kollu mas-sewwa: għax jekk toqgħod taħseb, forsi tiġik quddiem għajnejk il-mewt u s-sura li jieħu ġisimna meta tgħib minnu l-ħajja; u għalhekk meta l-qassis jgħidlek "int għad terġa' trab" inti tagħraf li hu qed igħid is-sewwa, u f'dan taqbel miegħu. Iżda ma nafx jekk inti taqbilx (u naħseb li ftit jaqblu) mal-qassis meta jgħidlek "trab inti" waqt li jitlaq minn bejn subgħajh ir-rmied fuq rasek.

Imma l-lum nistgħu naraw, forsi aktar minn qabel, kemm huwa minnu li aħna tassew trab u li nerġgħu nsiru trab. Sa ftit żmien ilu konna naħsbu li t-trab insibuh biss barra t-triq jew fil-fliexken għand l-ispiżjar. Il-lum insibuh għand tal-ħwienet kollha ta' l-ikel; u kulħadd, nistħajjel, għandu fuq l-ixkaffa xi flixkun bit-trab tal-bajd u ieħor bit-trab tal-ħalib ma' ġenb il-bott tat-te u taz-zokkor. Li kien żmien ieħor kien ikollna nqiegħdu fuq is-sajdbord xi tliet jew erba' bċejjeċ oħra mas-sett tat-te; imma l-lum min għandu ftit trab tal-bajd igħassisha aktar mill-ġdur u mill-kabocci, u għalhekk iqiegħdu f'xi armarju u mhux fuq is-sajdbord, fejn jidher.

U tabilħaqq, it-trab sirna ngħożżuh l-aktar fost il-ħwejjeġ li għandna! Il-lum qegħdin nieklu t-trab. X'ħaġa! Kollox qegħdin jibdlu fi trab; u kollox jerġa' kif kien meta jidħol fl-istonku. Bajda jew tnejn saru żewġ imgħaref trab... u t-trab jerġa' jagħqad u jsir bajd, kif kien qabel. X'għaġeb! Għaġeb tassew. Imma jekk toqgħod taħseb sewwa fuq dan it-tibdil kollu, inti tifhem kif kollox (u dan huwa għaġeb ieħor) jerġa' fejn kien: il-frak kollu li tiekol it-tiġieġa, titħnu u tagħġnu u minnu mbagħad tagħtina l-bajd. Mhux għaġeb, għalhekk, jekk il-bajda, li qabel kienet trab u tħin, tista' terġa' tinbidel fi trab.

Hekk ukoll, kif qegħdin naraw il-lum, jista' jsir u qiegħed jsir fil-bniedem. Dak kollu li huwa materjali jista' jinbidel fi trab. Il-ħobż ma jsirx ħobż qabel ma jsir trab; u kollox, kulma tagħtina l-art, bħalma jinbet u jikber fit-trab ta' l-art, jerġa' jin-

bidel fi trab. Il-ġisem tal-bniedem, li ħa wkoll is-sura mit-trab ta' l-art, huwa trab. Il-lum nistgħu nwettqu aħjar kliem il-qassis, fl-Erbgħa tar-Rmied; u nistgħu ngħidu wkoll li l-bniedem huwa trab, igħix bit-trab, u jerġa' trab.

Kollox, immela, isir trab! Dak biss ma jsirx trab, dak li huwa ogħla mit-trab ta' l-art, għax huwa eqreb lejn Alla li m'huwiex trab. Hija r-ruħ tal-bniedem li tagħraf suritha u xbihitha minn Alla, u mhux mit-trab, u għalhekk qatt ma ssir trab. Jintemm il-ġisem tal-bniedem fit-trab ta' l-art għax igħix bit-trab: imma ruħu tibqa'... għax tgħix bin-nifs li joħroġ mill-fomm ta' Alla.

U jekk huwa għaġeb kif kollox isir trab, huwa għaġeb tassew akbar kif il-bniedem, wara li jsir trab, jerġa' kif kien biex jingħaqad ma' ruħu. Iqum il-bniedem u jinfired mit-trab, biex jerġa' jgħix... għax iklu mhux biss ħobż, u jibqa' bla jintemm, waħdu fost il-ħolqien, bit-trab li kien tah Alla.